**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 12**

**Rik. Nru. 1263/12 RGM**

**Fl-atti tal-kawża Nru 1128/03 AL**
**fl-ismijiet:**

**Catherine, Giuseppa u Salvatore aħwa Camilleri u b'digriet tat-28 ta' Awissu 2008 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Catherine u Giuseppa Camilleri sabiex ikomplu l-kawża minflok Salvatore Camilleri li miet fil-mori tal-kawża u skont digriet tat-3 ta' Gunju, 2013, Giuseppa Camilleri assumiet l-atti flok Catherine Camilleri stante l-mewt tal-istess Catherine Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Frar, 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem Emanuel Camilleri (437336M) bħala eredi presuntiv ta' Giuseppa Camilleri**
**vs.**
**Antonio Camilleri u Grace Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors tal-konvenuti Antonio Camilleri u Grace Camilleri** li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi b'sentenza taghha tal-20 t'April, 2012 fl-ismijiet premessi il-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara li rat it-talbiet attrici li kienu jinkludu "1. *Tiddikjara li l-atturi ghandhom id-dritt li jikkonvertu l-utile dominium temporanju ta' mitt sena tal-fond ... ghal cens perpetwu skont id-dispozizzjonijiet ... tal-Kap 158 ...; 2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jersqu ghall-kuntratt notarili opportun ta' konvenzjoni tac-cens temporanju ghal wiehed perpetwu tal-fond residenzjali ..."* u l-eccezzjonijiet ta' l-esponenti, cahdet it-talbiet attrici b'dan li dikjarat is-segwenti:

   *Illi fil-kaz odjern il-Perit Tekniku xehed illi l-proprjeta` in kwistjoni ghandha valur lokatizzju ta' mitejn u tnejn u sittin elf sitt mija sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€262,627.53)...*
   *Ghalhekk jirrizulta car illi l-kumpens ser ikun inadegwat ...*
   *Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-~Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi ... Tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghhom".*

2. Illi l-atturi ma qablux ma din is-sentenza u ghogobhom jinterponu appella minnha.

3. Illi skont taxxa li ma gietx notifikata formalment lill-esponenti u lanqas ma saret talba tieghu, t-taxxa giet mahduma daqs li kieku l-kawza kienet giet meqjusa bhala wahda fuq punt legali.

4. Illi l-esponenti ma jaqlux mat-taxxa premessa peress li din it-taxxa ma gietx mahduma korrettement. L-artiklu 14 tat-Tariffa E 'Drittijiet li jithallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "ex officio"' ta' l-iskeda A tal-Kap 12 (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) jghid espressament illi: Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

5. Illi fil-kaz odjern mhux talli l-valur kien determinabbli izda l-Qorti stess tramite perit tekniku kienet stabbiliet il-valur tal-proprjeta` fl-ammont ta' €262,627.53 u ghalhekk fin-nuqqas ta' kull valur determinat mod iehor id-drittijiet tal-partijiet fil-kawza ghandha tinhadem fuq dan il-valur anke peress li d-decizjoni tal-Qorti kellha x'taqsam ma valur determinat.

6. Illi ghalhekk l-esponenti jissottometti li t-taxxa kellha tigi mahduma fuq dan il-valur.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-thasir tat-taxxa msemmija u tordna l-hrug ta' taxxa gdida skont il-valur tal-proprjeta`.

Rat **ir-risposta ta' Catherine Camilleri** fejn jingħad kif ġej:

1. Illi in linea preliminari r-rikors odjern huwa rritu u null stante illi semai irid jigi ntavolat rikors guramentat fil-konfront mhux biss ta' l-eccipjenti izda wkoll fil-konfront tar-Registratur tal-Qrati li huwa responsabbli primarjament mill-intassazzjoni tal-kawzi.

2. Illi wkoll in linea preliminari l-gudizzju mhux integru stante li kellu jissejjah in kawza r-Registratur tal-Qrati ghall-istess raguni esposta fl-ewwel eccezzjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-taxxa in kwistjoni giet mahduma korrettament fuq punt legali stante illi t-talba originali fic-citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u li kienet deciza fl-20 ta' April 2012 ma kienet intalbet ebda likwidazzjoni ta' danni izda semplicement talba ghall-konverzjoni ta' cens temporanju ghal wiehed perpetwu ta' fond residenzjali.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet ta' Antonio Camilleri et ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Antonio Camilleri u Grace Camilleri ppreżentata fit-22 t'Ottubru 2018[1], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Antonio Camilleri u Grace Camilleri in segwieta għan-nota tat-22 t'Ottubru 2018, liema nota ġiet ippreżentata fid-29 t'Ottubru 2018[2];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

Fl-20 t'April 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ippronunzjat ruħha dwar jekk ċens temporanju għandux jiġi konvertit għal wieħed perpetwu. Minn din is-sentenza sar appell mill-atturi, liema appell iżda ġie differit *sine die* fis-6 ta' Ġunju 2016 stante li "Emanuel Camilleri ma aċċettax il-wirt tal-appellanti Josephine Camilleri" u eventwalment ġie deżert.

Qiegħed jiġi allegat fir-rikors promotur li t-taxxa li nħadmet wara s-sentenza tal-Prim'Awla inħadmet b'mod skorrett u dan għaliex it-taxxa ġiet maħduma daqslikieku l-kawża kienet fuq punt ta' liġi. Il-konvenuti Camilleri jilmentaw li t-taxxa kellha tinħadem skont l-Artikolu 14 tat-Tariffa E 'Drittijiet li jitħallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi *"ex officio"*' ta' l-iSkeda A tal-Kapitolu 12 u dan peress li l-valur tal-fond kien wieħed determinat mill-Qorti stess fis-sentenza tagħha.

[1] Paġna 213 tal-proċess.
[2] Paġna 220 tal-proċess.

Diversi kienu l-eċċezzjonijiet li tressqu mir-rikorrenti, liema eċċezzjonijiet ġew riprodotti aktar ‘l fuq f’din is-sentenza. Iżda l-Qorti qabel tikkonsidra dawn l-eċċezzjonijiet sejra l-ewwel u qabel kollox tikkunsidra kwistjoni li qamet fil-mori tal-kawża u ċioe t-trasfużjoni tal-ġudizzju u r-rinunzja tal-wirt.

Fi-mori ta’ dan ir-rikors, u cioe' fl-24 ta' Marzu 2013, mietet l-attriċi Catherine Camilleri, intimata f'dawn il-proċeduri.. Bis-saħħa tal-aħħar testment tagħha hija nnominat bħala eredi universali tagħha lil oħtha Josephine (Giuseppa) Camilleri. Kien għalhekk li b’digriet tat-3 ta’ Ġunju 2013, l-atti ta' din il-proċedura ġew trasfużi f’isem Giuseppa Camilleri. Ġara iżda li fit-23 ta’ Novembru 2013 ġiet nieqsa Giuseppa Camilleri wkoll. Ġaladarba hija mietet wara oħtha Catherine Camilleri, l-eredità tagħha hija regolata bid-disa’ artikolu tal-aħħar testment tagħha li fih jindika s-segwenti bħala werrieta: Emanuel Camilleri, Stella Wright, u ulied Paola Grech ċioe John Grech, Grace Smith, Carmen Smith, Joseph Grech u Mary Divghi. Fir-rikors tal-21 ta’ Jannar 2014, Antonio Camilleri u oħtu Grace Camilleri talbu li ssir leġittimazzjoni tal-atti f’isem dawn l-imsemmija werrieta. Waqt is-seduta tat-3 ta’ Marzu 2014, il-legali tar-rikorrenti iddikjara li ‘dawn il-persuni indikati bħala eredi mhux ser jaċċettaw il-wirt u kwindi trid iseħħ il-proċedura tal-Kuraturi’[3]. Ġara iżda li nonostante li kien sar rikors mill-konvenuti fit-8 ta’ Lulju 2014 sabiex jinħatru l-Kuraturi Deputati, kienu l-istess konvenuti li fit-2 ta’ Diċembru 2014 ippreżentaw rikors ieħor fejn talbu lil din il-Qorti ‘tawtorizza l-legitimiazzjoni tal-atti f’isem Emanuel Camilleri bhala eredi presuntiv ta’ Giuseppa Camilleri’[4] u dan peress li Emanuel Camilleri ma kienx irrinunzja formalment għat-testment u jidher li kellu fil-pussess tiegħu u uża diversi oġġetti proprjetà ta’ Giuseppa Camilleri. Il-konvenuti jgħidu wkoll li l-werrieta l-oħra ta’ Giuseppa Camilleri kienu ‘iddikjaraw lill-esponenti li huma kienu qeghdin jirrinunzjaw ghal wirt taz-zijiet taghhom, u fil-fatt ghamlu dikjarazzjoni fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja’.

[3] Paġna 44 tal-proċess.
[4] Paġna 54 tal-proċess.

Mill-atti jirriżulta li Emanuel Camilleri fit-30 t'Ottubru 2014 għamel dikjarazzjoni li qiegħed jirrinunzja għall-eredità ta' Giuseppa Camilleri[5] u Helen Frances Michalski (l-unika bint ta' Stella Wright) għamlet dikjarazzjoni li qed tirrinunzja għal wirt ta' Giuseppa Camilleri fl-24 ta' Novembru 2014[6]. Min-naħa l-oħra *a contrario* ta' dak li jgħidu l-konvenuti fir-rikors surreferit, il-werrieta l-oħra sad-data tal-preżentata ta' dak ir-rikors ma kinux għadhom għamlu dikjarazzjoni li rrinunzjaw għal wirt taz-zijiet tagħhom u dan jingħad peress li mill-atti jidher li:

a. Carmen Smith ippreżentat dikjarazzjoni ta' rinunzja ta' wirt fid-29 t'Awwissu 2017[7];
b. John Grech, Maria Davighi u Grace Smith r-rinunzjaw għal wirt ta' Giuseppa Camilleri permezz ta' nota ippreżentata fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-4 ta' Novembru 2015[8];
c. Joseph Grech irrinunzja għal wirt ta' zitu Giuseppa Camilleri fis-7 ta' Mejju 2018[9].

Il-kwistjoni li l-Qorti għandha tikkonsidra l-ewwel tirrigwarda jekk Emanuel Camilleri aċċettax o meno il-wirt ta' oħtu Giuseppa Camilleri meta għamel użu jew żamm għandu proprjetà t'oħtu.

Ikkunsidrat

Qabel tgħaddi għal punti legali rigwardanti l-aċċettazzjoni o meno ta' wirt, il-Qorti sejra tagħmel sunt tal-provi prodotti fuq dan il-punt.

**Antonio Camilleri** meta mistoqsi jispjega għalfejn fir-rikors tat-2 ta' Diċembru 2014 huwa kien qal li l-werrieta kollha ħlief Emanuel Camilleri kien irrinunzjaw, huwa qal li kienu huma stess li nformawh li kienu ser jirrinunzjaw iżda peress li qatgħa l-kuntatt minn magħhom huwa ma kienx

[5] Paġna 63 tal-proċess.
[6] Paġna 100 tal-proċess.
[7] Paġna 178 tal-proċess.
[8] Paġna 182 tal-proċess.
[9] Paġna 200 tal-proċess.

f'pożizzjoni jgħid x'ser jagħmlu. Huwa kkonferma li ma rċieva xejn u m'għandux rinunzji f'idejh.[10] Kien biss fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013 li Antonio Camilleri ikkonferma li huwa kien ġie informat minn għand Frances Michalski nee Wright li kienet irrinunzjat għal wirt ta' Giuseppa Camilleri u għaddietlu kopja tar-rinunzja. Meta mistoqsi għaliex qiegħed joġġezzjona għar-rinunzja ta' Emanuel Camilleri, ix-xhud qal li dan kien qalu 'għax li kien hemm ħadu kollu [...] il-mobbli li hemm fid-dar [...]'[11], meta mistoqsi jippreċiża huwa semma' għamara Victorian u pittura li tissemma' fit-testment, kif ukoll żewġ fannijiet. Antonio Camilleri ppreżenta affidavit[12] fis-17 ta' Novembru 2017 fejn fih jgħid li fir-residenza fejn kienu joqgħodu z-zijiet tiegħu kienu qabel joqgħodu n-nanniet tiegħu. Wara l-mewt tan-nanniet, jgħid li kien iwassal liz-zijiet sabiex iħallsu ċ-ċens lil ċertu Gejtu Mifsud. Jgħid ukoll li z-zijiet tiegħu kienu rrifjutaw jixtru ċ-ċens u kien għalhekk li hu xtara d-dar flimkien ma' oħtu Grace Camilleri. Antonio Camilleri spjega li 'l-problemi bdew wara li z-ziju Leli sema li kont xtrajt id-dar u beda jxewwex liz-zijiet kontrija u sa fl-ahhar ikkonvincihom jifthu kawża fl-ismijiet *Catherine Camilleri et vs Antonio Camilleri et* 1128/03 AL f'liema kienu qeghdin jippretendu li wara li jiskadi c-cens temporanju li kellhom il-proprjeta tibqa' ghandhom.' Ix-xhud jgħid li z-zijiet kienu marru jgħixu St. Vincent De Paule, u għalkemm ma kienx fadlilhom interess fil-post huma xorta għamlu appell għax kienu hekk imxewxa minn Emanuel Camilleri. Jgħid li wara li marru fl-imsemmi post, Emanuel Camilleri ma kienx iħallih jidħol fil-post, tant li zijuh kien ħa ċ-ċavetta tal-fond m'għand Catherine u Giuseppa. Jgħid ukoll li waqt l-aċċess miżmum mill-Qorti huwa nnota li diversi oġġetti msemmija fit-testment ta' Giuseppa ma kinux fil-fond u jgħid li l-oġġetti neqsin kien ħadhom Emanuel Camilleri. Jispjega li Emanuel Camilleri baqa' jaħdem u jżomm ir-raba magħrufa 'Taċ-Ċens' liema għalqa kienet tħalliet lil Emanuel Camilleri b'legat fit-testment ta' Giuseppa. Huwa jikkonkludi li 'ma huwiex sewwa li Leli issa, fejn jaqbillu, jiddikjara li rrinunzja ghal-wirt ghax hu diġà ha dak kollhu li kien jinteressah fid-dar u

[10] Paġna 87 tal-proċess.
[11] Paġna 93D tal-proċess.
[12] Paġna 160 tal-proċess.

li kien thallielu fit-testment. Ghalhekk ma jistax jirrinunzja l-wirt'[13]. Waqt il-kontro-eżami tal-15 ta' Frar 2018, Antonio Camilleri baqa' jinsisti li z-zijiet kienu mxewxa, u kienu mġiegħla jiftħu l-kawża surreferita kontrih tant li Emanuel Camilleri kien ġiegħel lil ħutu jieħdu ġuramenti foloz[14].

Fit-30 ta' Novembru 2015 xehed **Emanuel Camilleri** li konferma li huwa kien wieħed mill-werrieta ta' Giuseppa Camilleri. Jgħid ukoll li Frances (bint Stella Wright) kienet irrinunzjat għal wirt. F'xhieda sussegwenti Emanuel Camilleri kien xehed fuq serqa li kellu d-dar tiegħu fejn kienu żgassawlu l-bieb tal-garaxx u qalbulu s-salott u l-kamra tas-sodda. Jgħid li kienu ħadulu l-kaxex tad-deheb liema kaxex fihom kellu d-deheb ta' Catherine Camilleri kif ukoll ta' Giuseppa Camilleri. Jgħid li huwa kellu fil-pussess tiegħu dan id-deheb għaliex meta kien għadu ħaj ħuħ Salvatore Camilleri kienu ppruvaw jisiruqhom fid-dar fejn kienu joqogħdu u għalhekk kienet tagħthom lilu 'biex ikunu safe'[15] iżda ġara li kienu serqu lilu. Jikkonkludi x-xhieda tiegħu tal-20 ta' Marzu 2017 billi spjega li sakemm kienu għandhom ħajjin ħutu huma kienu jtuh il-flus u jmur iħallsilhom il-kontijiet, mill-bqija wara mewthom huwa ma baqax iħallas kontijiet. Fl-aħħar xhieda tiegħu, tat-13 ta' Novembru 2017 Emanuel Camilleri spjega li wara li mietu ħutu huwa kien sempliċiment jittawwal 'għal jista' jkun'[16] id-dar fejn kienu joqgħodu ħutu peress li kellu ċ-ċavetta tal-fond. Ix-xhud jikkonferma li huwa għandu għalqa magħrufa 'Taċ-Ċens' li kienu ħallewilu ħutu bi prelegat talli kien jieħu ħsiebhom. Jgħid li huwa kien jaħdem din ir-raba qabel il-mewt ta' ħutu u baqa' jaħdimha wara mewthom.

Tela' jixhed **Paul Camilleri**, iben Emanuel Camilleri, fejn ikkonferma li Catherine Camilleri u Giuseppa Camilleri huma z-zijiet tiegħu paterni. Jgħid li r-relazzjoni magħhom kienet 'normali hux, relazzjoni tajba'[17]. Meta mistoqsi jekk huwa ħax xi affarijiet mill-post taz-zijiet huwa jisħaq

[13] Paġni 161 – 162 tal-proċess.
[14] Paġna 171 tal-proċess.
[15] Paġna 142B tal-proċess.
[16] Paġna 156B tal-proċess.
[17] Paġna 116 tal-proċess.

li ma kienx ħa iżda kienu z-zijiet stess li tawh gradenza żgħira antika. Meta mistoqsi x'kien fih it-testment ta' Catherine Camilleri huwa qal 'li naf li kien fih li ħalliet legat lili din il-gradenza' iżda din il-gradenza kienet tagħtilu qabel mietet u ċioe fl-2009 meta kemm Catherine kif ukoll Giuseppa kienu għadhom ħajjin. Fix-xhieda tiegħu, Paul Camilleri jikkonferma li zitu Catherine kienet tat gradenza lill-oħtu wkoll. Dan ikkonfermatu wkoll oħtu, **Marika Zammit**, fejn tgħid li z-zija tagħha Catherine kienet tatha gradenza qadima. A contrario ta' ħuha iżda meta mistoqsija x'kien fih it-testment ta' Catherine Camilleri hija ma kinitx taf tgħid x'fih. Tiftakar iżda li kienet tagħtilha bħala rigal f'xi Novembru 2009. Meta mistoqsija tispjega kif tagħtilha din il-gradenza hija qalet li 'uriet ix-xewqa naħseb hux hekk li bħala ringrazzjament għall-gratitudni għax il-papa' tiegħi kien anki jbiddlilhom in-nappies, jorqod magħhom, jiġifieri għamel ħafna ħafna magħhom u naħseb tipo bħala gratitudni kienet rigal hux'[18]. Marika Zammit spjegat li kien wassalilha xi ħadd id-dar, imma ma kinitx hi li qabdet lil din il-persuna biex iġorrilha u ma tafx min għamel l-arranġamenti. Meta ġiet mistoqsija mill-Qorti dwar meta z-zija tax-xhud qaltilha li kienet ser itiha l-gradenza, ix-xhud qalet li ma taħsibx li qaltilha bil-fomm, iżda taħseb li kien hemm miktub.

Rigward għotja b'rigal xehdet **Diane Camilleri**, il-mara tat-tifel ta' Emanuel Camilleri, fejn tgħid li Emanuel Camilleri kien ħadilha par bozoz antiki (base tal-injam, b'bozza kbira tal-ħġieġ u bil-fjuri tad-drapp minn ġewwa). Tgħid li dan kien xi l-2009. Meta ġiet mistoqsija jekk kinitx tafhom liz-zijiet tar-raġel tagħha, tgħid li ma kinitx tmur spiss imma ġieli iltaqat magħhom. Tispjega li z-zijiet kienu jafu li hija tħobb l-antik, u darba kienet marret hi flimkien mar-raġel tagħha u binha għandhom għall-festa u (mingħajr ma tispeċifika liema miz-zijiet) kienet qaltlilha li xi darba ser itiha xi ħaġa milli għandha. Tgħid li wara li kien ħadilha dawn il-bozoz hija ma kinitx iltaqat miz-zijiet iżda kienet bagħtet ir-ringrazzjament tagħha ma' Emanuel Camilleri.

---

[18] Paġna 120 tal-proċess.

Ikkunsidrat

- *Aċċettazzjoni tal-wirt*

Iż-żewġ artikoli rilevanti fir-rigward ta' aċċettazzjoni ta' wirt għal każ in eżami huma **Artikoli 850 u 852 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdu s-segwenti:

**850**. (1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.

(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.

(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.

**852**. (1) L-ordnijiet mogħtija għall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħdet ukoll il-kwalità ta' werriet.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) japplikaw ukoll fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji dwar azzjonijiet possessorji, f'liema każ il-persuna li tkun imsejħa għall-wirt titqies *de jure* kuratur tal-wirt skont l-artikolu 886(2).

(3) Is-subartikolu (2) għandu japplika biss jekk il-persuna msejħa għall-wirt tiddikjara fl-azzjoni li tkun qed taġixxi fil-kwalità tagħha ta' *de jure* kuratur.

Mit-tielet subartikolu tal-Artikolu 850 jidher ċar li sabiex ikun hemm aċċettazzjoni ta' wirt b'mod taċitu, jeħtieġ li l-werriet jagħmel xi att li bih juri li huwa ried jaċċetta l-wirt. Fi kliem ieħor l-att fih innifsu m'huwiex biżżejjed biex jagħti lok għall-aċċettazzjoni, iżda minn dak l-att irid

jirriżulta li **l-werriet <u>ried</u> jaċċetta l-wirt**. Il-ġurisprudenza[19] tgħallimna li *"hemm bzonn, kif stabbilit mill-gurisprudenza, illi jkun hemm il-volonta` u l-intenzjoni li b'dak l-att tigi accettata l-eredita`, u ta' dan trid issir il-prova univoka, b'mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni ohra ta' dak l-att (v. Kollez. XXIX.i.1179) u App. Civ. 2.3.1951 (inedita) in* ***re Giorgia Zammit vs Marchese Enrico Grispo Barbaro di San Giorgio****)".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Amadeo Mea et vs Albert Borg et**[20] deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju 1952 ġie dikjarat li mill-att trid tirriżulta l-volonta tas-suċċessibbli li jaċċetta l-wirt, fis-sens li *"mhux bizzejjed li l-att jirrileva intenzjoni kwalunkwe, dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-volonta' f'min jaghmlu li jaccetta l-wirt. Magistralment f'dan ir-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' tar-Regina fil-kawza* ***Azzopardi vs Mallia*** *deciza fis-6 ta' Novembru 1916:- 'Mentre secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredita' un atto qualunque esprimente la volonta' d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessita' l'intenzione di accettare l'eredita', il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze piu' o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volonta di accettare (Kollez. XXIII.i.254)".* Kompliet tgħid li fid-dubju l-aċċettazzjoni għandha tiġi eskluża. Fuq dan l-aħħar punt il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs. Nobbli Charles Vella Bonavita et** deċiża fl-14 ta' Diċembru 1966 (ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 1967**)** spjegat li "L-att kompjut ghandu jkun essenzjalment univoku b'mod li ma jhalli assolutament ebda dubbju li s-successibbli, meta ghamel l-att, ma setax kellu intenzjoni ohra hlief dik li jaccetta l-eredita', u jekk dak l-att seta' ghamlu alio titulo jew mhux b'dik

[19] **Maria Stella Hili et vs Carmelo Cilia** deċiża fid-19 ta' Jannar 1956 (Vol. XL.ii.691).
[20] Vol. XXXIV.ii.475.

l-intenzjoni, l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza". Fil-kawża **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** (Ċit Nru 687/1981 PS) deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003 osservat li "*nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredità, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l'eredità*" ("**Teresa Mangion et –vs- Paolo Deguara**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596)".

L-oneru tal-prova li kien hemm aċċettazzjoni qiegħda fuq minn jallega li kien hemm it-tali aċċettazzjoni. Fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Attard vs. Joseph Attard** (Ċit Nru 53/2007 AE) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' April 2008 ġie ritenut li:-

"L-oneru tal-prova qieghed fuq min jallega li kien hemm accettazzjoni; fil-kaz taghna il-konvenuti. L-accettazzjoni trid tkun neccessarjament tippresuponi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita' tieghu ta' eredi. Sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi li hemm accettazzjoni tacita, "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**, Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966)."

Flimkien ma' dan l-insenjament rigwardanti l-**aċċettazzjoni ta' wirt** jeħtieġ li ssir referenza għall-provvedimenti u l-ġurisprudenza rigwardanati r-**rinunzja ta' wirt.**

- ***Rinunzja ta' Wirt.***

L-artikolu ġenerali huwa l-**Artikolu 860 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi s-segwenti

(1) Ir-rinunzja għal wirt ma tistax tkun preżunta.

> (2) Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku.
>
> (3) Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'għandhiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).

Joħroġ ċar minn dan l-artikolu li r-rinunzja għandha tkun ċara u mhux li wieħed jippreżumi li hemm rinunzja, tant li d-dikjarazzjoni ta' rinunzja tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja. L-effett tar-rinunzja hu li l-persuna msejħa għal wirt titqies li qatt ma kienet werrieta tal-mejjet.

Rilevanti hu l-**Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi li

> "............l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor."

Kif dikjarat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawża **Joseph Gauci et vs. Jane Galea et**, (Cit nru 865/2002TM) deċiża fit-3 ta' April 2003 *"[...] jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredita`, huma jistghu, f'kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Marjano Pace pro et noe vs. Carmelo Pace et** (Ċit Nru 31/2008 AE) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Jannar 2009 ingħad kif ġej:-

"*Prima facie,* jidher li l-presunzjoni li tirrizulta hi assoluta u ma tippermettix prova kuntrarja. Madankollu l-Artikolu 852 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"L-ordnijiet moghtija ghall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt ghal xi zmien, ma jgibux accettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittiehdet ukoll il-kwalita' ta' werriet.".* Fil-kawza **Paolina Fabri et vs Saverio Calleja et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef A. Dingli) fis-27 ta' Jannar 1888 [Volum XI.496] gie osservat li, *"La disposizione dell'articolo 572 (illum 869) non e' punto inconciliabile con quella del 555 (illum 852), trattando questa di Amministrazione provvisoria, e l'altra di possesso reale, con amministrazione definitiva a proprio vantaggio.".*

Rilevanti wkoll l-**Artikolu 862 tal-Kap. 16** li jaqra hekk:

> 862. (1) Il-werriet li jirrinunzja jitqies bħallikieku ma kien qatt werriet.
>
> (2) Iżda, ir-rinunzja tiegħu ma ttellfux il-jedd li jitlob il-legat imħollija favur tiegħu.[21]

Dan l-artikolu jeħtieġ li jinqara mal-artikolu li jippreċedih u ċioe l-**Artikolu 861** u r-raġuni għal dan ser jiġi spjegat aktar 'l quddiem:

> 861. Il-werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni ab intestato:

[21] Enfasi miżjud.

Iżda, dan il-werriet jista', fl-att tar-rinunzja, iżomm il-jedd għas-sehem riżervat tal-beni illi, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 614 sas-653, ikunu jmissu lilu.[22]

Il-Kapitolu 16 fl-**Artikolu 709** jipprovdi li t-testatur jista' jħalli prelegat lill-werriet tiegħu, u, f'dak il-każ, il-werriet, għal dan il-prelegat, jitqies bħala legatarju. Dan qiegħed jingħad għaliex fil-każ odjerna apparti legat hemm ukoll prelegat.

Ikkunsidrat

Premessi dawn il-prinċipji jeħtieġ issa li jiġu applikati għal każ in eżami.

L-intimati Antonio u Grace aħwa Camilleri jinsistu li kien hemm aċċettazzjoni tal-wirt minn zijuhom Emanuel Camilleri nonostante li kien għamel dikjarazzjoni ta' rinunzja. Kif ġie spjegat taħt is-sezzjoni ta' qabel din, l-*onus probandi* jinkombi fuq min jallega kif wara kollox jagħmilha ċara l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 li min jallega jrid jipprova. Jissottomettu illi ġaladarba Emmanuel Camilleri kien għadda żewġ gradenzi u par bozoz antiki taz-zijiet lill-uliedu kif ukoll il-fatt li għadu qiegħed jaħdem ir-raba li kienet ta' Catherine u Giuseppa aħwa Camilleri, ifisser li huwa aċċetta l-wirt. Ma' dawn iżidu wkoll il-fatt li Emmanuel Camilleri kien imur jittawwal id-dar wara li kienu mietu ħutu. Jgħidu wkoll li kien hu li ħa affarijiet oħra mid-dar.

Il-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-liġi abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha u dan anki fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[23], li min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui nnegat*. Intqal fis-sentenza

[22] *ibid.*
[23] Fosthom **Dr H. Lenicker vs. J. Camilleri** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 1972; **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-2 ta' Mejju 1995 u **Anthony Azzopardi et. noe vs. Lapsi Holdings Limited**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19ta' Jannar 2015.

**Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Frar 1952 li

"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli".

Minn eżami tax-xhieda ta' Emmanuel Camilleri jirrżulta li hemm qbil li ulied l-imsemmi u l-mara tat-tifel tiegħu kellhom fil-pussess tagħhom oġġetti li kienu taz-zijiet tagħhom, li m'hemmx qbil iżda huwa meta dawn ġew fil-pussess tagħhom. Emanuel Camilleri tella' bħala xhieda tiegħu lill-uliedu u l-mara ta' ibnu li t-tlieta li huma kkonfermaw li huma kienu rċevew dawn l-oġġetti xi żmien fl-2009 u għalhekk ferm qabel li mietu Catherine Camilleri u Giuseppa Camilleri. Min-naħa tagħhom il-konvenuti dan ma jaċċettawhx u jibqgħu jinsistu li dawn l-oġġetti kien ħadhom Emanuel Camilleri wara li mietet l-aħħar zija tagħhom. Pero' prova ta' dan ma resqux. Il-Qorti ma tqisx illi fl-atti hemm provi sodisfaċenti li permezz tagħhom il-Qorti tista' tkun moralment konvinta li kien hemm aċċettazzjoni taċita tal-wirt da parti ta' Emanuel Camilleri qabel ma għamel l-att formali ta' rinunzja. Il-Qorti qed taċċetta l-verzjoni tax-xhieda ta' Emmanuel Camilleri u x-xhied minnu mressqa.

Ir-rikorrenti xhedu li zijuhom Emanuel Camilleri kien imur jittawwal id-dar minn żmien għall-ieħor. Dan ma ġiex ikkontestat minn Emanuel Camilleri, pjuttost jista' jingħad li ġie ikkonfermat, jispjega iżda li huwa kien jara li kollox jinstab fi stat tajjeb u jitlaq 'il barra. Jispjega wkoll li għalkemm huwa kien imur iħallas il-kontijiet tad-dawl sakemm kienu ħajjin ħutu huwa waqaf jagħmel dan wara mewthom. Kif ġie spjegat taħt l-**Artikolu 852** surreferit, "l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt".

Dwar is-sottomissjoni illi l-aċċettazzjoni tal-wirt da parti ta' Emanuel Camilleri għandha tiġi inferita mill-fatt li huwa baqa' jaħdem ir-raba wara l-mewt ta' ħutu, il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li Emanuel Camilleri kien jaħdem din ir-raba anke waqt li ħutu Catherine u Giuseppa kienu ħajjin. Il-kwistjoni kollha tqum fuq x'ġara wara l-mewt tagħhom. Huwa għalhekk li din il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 862 (2) aktar 'il fuq u dan għaliex fit-testment ta' Giuseppa Camilleri, l-aħħar waħda li mietet, hemm imniżżel li din l-għalqa qiegħda tħallihielu bi prelegat. L-Artikolu 862 (2) jipprovdi li għalkemm ikun hemm ir-rinunzja tal-werriet, "ir-rinunzja tiegħu **ma ttellfux** il-jedd li jitlob il-legat imħollija favur tiegħu".

Jeħtieġ għalhekk jigi stabbilit jekk hemmx bżonn li dan il-jedd jiġi riżervat fid-dikjarazzjoni tar-rinunzja. Il-Qorti tirreferi għal dak li jinstab fil-*proviso* tal-**Artikolu 861** tal-Kap 16 li jipprovdi li meta jkun hemm ir-rinunzja għal wirt, il-werriet "jista' fl-att tar-rinunzja, **iżomm** il-jedd għas-sehem riżervat". Għas-sehem riżervat il-werriet jeħtieġlu jispeċifika li huwa qiegħed iżomm ferm dak il-jedd; min-naħa l-oħra fir-rigward tal-legat jew prelegat, m'hemmx il-ħtieġa li fir-rinunzja jiġi ddikjarat b'mod speċifiku li l-werriet qiegħed iżomm il-jedd għal-legat jew prelegat. Applikat dan il-ħsieb għall-każ odjern, mill-atti jirriżulta li huwa għamel dikjarazzjoni ta' rinunzja għal wirt fit-30 t'Ottubru 2014. F'din ir-rinunzja ma hemmx indikat li huwa qiegħed iżomm ferm il-jedd tiegħu għal prelegat imma fil-fehma ta' din il-Qorti, kif diġà ġie spjegat, din m'hijiex meħtieġa u għalhekk il-fatt li kompla jaħdem ir-raba wara il-mewt ta' ħutu l-bniet ma ġġibx fix-xejn id-dikjarazzjoni ta' rinunzja. Din il-Qorti ssib konfort f'dak li intqal mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) nhar it-3 t'Ottubru 2008 fil-kawża **Giuseppi Sciortino u Alfred Sciortino** (Ċit Nru 1421/1992) fejn intqal *"Li nqasam kienu l-legati li Francesco Sciortino halla lil uliedu, uhud minnhom gia fil-pussess taghhom.* ***It-tqassim tal-legati ma jikkomportax accettazzjoni tal-wirt****."*[24] B'din il-konklużjoni

[24] Enfasi miżjud.

għalhekk ma jirriżultax li kien hemm aċċettazzjoni tal-wirt min-naħa ta' Emanuel Camilleri.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll li mill-atti tal-kawża prinċipali li minnha emana dan ir-rikors jirriżulta li l-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Ġunju 2016 iddiferit il-kawża *sine die* proprju minħabba l-fatt li "Emanuel Camilleri ma aċċettax il-wirt tal-appellanti Josephine Camilleri". Din il-Qorti ma tarax li huwa legalment korrett u wisq anqas loġiku li dan ir-rikors fl-atti tal-kawża jitkompla kontra Emanuel Camilleri, meta l-proċedura prinċipali ma tkomplitx proprju minħabba li ma kienx hemm aċċettazzjoni tal-wirt ta' Giuseppa Camilleri minn ħuha Emanuel Camilleri.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi kif ġej:-

1. Tordna l-estromissjoni tal-intimat Emanuel Camilleri minn dawn il-proċeduri.

2. Tordna l-prosegwiment tal-kawża sabiex ir-rikorrenti Antonio u Grace Camilleri jiddikjaraw jekk humiex ser jitolbu li l-proċeduri jitkomplew fil-konfront ta' kuraturi deputati.

Spejjeż rizervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**